**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Ottubru, 2015

Rikors numru : 426/2010/1 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AB, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza ta' separazzjoni fil-kawza li ilha pendent mill-2010.

Illi l-kontendenti kienu separati de facto mill-20 ta' Gunju 2010, u ghalhekk qed jitlob illi s-separazzjoni maghmula f'din il-kawza titqies bhala talba ghal pronunzjament ta' divorzju.

Illi din il-Qorti ghandha tisma` lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Illi d-dikjarazzjoni tax-xhieda u dokumenti prezentati mal-kawza ta' separazzjoni, ghandhom japplikaw *mutatis mutandi* ghal dawn il-proceduri ta' divorzju.

Illi l-Qorti ghandha taghti d-decizzjonijiet taghha f'sentenza moghtija fil-Qorti bil-miftuh tul il-kors ta' din il-kawza.

Talab li l-intimata AB tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kawza ta' separazzjoni odjerna titqies minflok bhala kawza ta' pronunzjament ta' divorzju taz-zwieg taghhom celebrat fil-knisja Arcipretali tas-Siggiewi, fit-18 ta' Gunju, 2006, u dan a tenur tal-Artikolu 66F(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi jissussistu l-kundizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex it-talba ghad-divorzju tkun sodisfatta.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata A B ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata tat-12 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha ddikjarat : -

Illi fl-ewwel lok ir-rikors in kwistjoni huwa irritu u null peress li ma jidhirx li saret id-dikjarazzjoni mitluba fl-Artikolu 66F(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma topponix ghall-bdil tal-proceduri ta' separazzjoni f'dawk ta' divorzju, purke jibqghu bla mittiefsa d-drittijiet tal-esponenti, kemm dawk patrimonjali u kemm dawk rigwardanti l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri.

Illi kwantu ghall-allegazzjonijiet maghmula minn C B fl-affidavit tieghu tas-16 ta' Lulju 2014, l-esponenti tirrileva illi z-zwieg tal-kontedenti tkisser irrimedjabilment mhux ghal agir taghha, izda minhabba l-attitudni altament denigratorja tal-istess C B kif ukoll ghal indhil esagerat ta' omm l-imsemmi C B, apparti li kien ukoll vjolenti fuq persunt l-esponenti.

Illi huwa minnu illi f'Marzu 2010 t-tobba kienu rrakkomandaw lill-kontedenti sabiex jghixu ftit jiem ghand i-genituri rispettivi. Ftit jijem wara kienu regghu irritornaw fid-dar matrimonjali, izda l-imsemmi C B baqa` ghaddej bl-istess attitudni ta' kummenti denigranti u jwaqqa` ghal kollox fil-bazz lill-esponenti martu, donnu bhal biex jaghmel minn kollox biex idejjaqha.

Illi fil-fatt fl-20 ta' Gunju 2010 huwa veru li nqala` argument fejn meta kienu l-pjazza tas-Siggiewi l-esponenti iltaqghet ma' hbieb taghha u omm C B bdiet issostni li kien hemm E G. L-istess C B mar bil-herra ghal fuq l-esponenti u sawwatha pubblikament filwaqt li gie jgebbed lit-tifla b'mod li wkoll din wegghet. Minn dakinhar l-istess C B ma riedx lill-esponenti lura d-dar matrimonjali, u kellha tfittex rifugju fid-Dar "Ghabex". Illi l-attitudni tal-istess C B kienet tali illi pprova kontinwament, b'mod sistematiku specjalment wara t-twelid tat-tifla, jiddenigra u jbaxxi lill-esponenti, anke b'kummenti fizici, b'mod tali li jdejjaqha tant li jkollha tfittex lil haddiehor, u dan sabiex jiggustifika l-pjanijiet li kellu f'mohhu, partikolarment ir-relazzjonijiet tieghu mhux ma' mara wahda izda sahansitra ma' iktar, kif qed jirrizulta f'dawn il-proceduri.

B'riserva ghal risposti ohra.

Il-Qorti rat ir-rikors illi gie kkonferma bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Lulju 2014;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw dan ir-rikors waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2015;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :-

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment de facto separati ghal aktar minn erba` (4) snin f'dawn l-ahhar hames (5) snin u dana peress illi effettivament hemm proceduri ta' separazzjoni pendenti bejniethom, rikors guramentat numru 426/10 AL.

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ipprova ukoll ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas tal-manteniment;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikjara mpregudikati l-proceduri ta' separazzjoni, rikors guramentat numru 426/10AL qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.